MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 106/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**vs**

**Victor Muscat**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 491985(M).

Akkuzat talli f’Awissu 2011 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. minghajr awtorizazzjoni uza kompjuter jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f’xi data, software

jew dokumentazzjoni ta' kompjuter iehor jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software, jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

2. minghajr awtorizazzjoni ipprevena jew ostakola id-dhul ghal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

3. minghajr awtorizazzjoni ha fil-pussess xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

4. minghajr awtorizazzjoni uza il-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija netta;

Rat li l-imputat Victor Muscat fejn irregistra ammissjoni ghar-raba' akkuza kif dedotta kontrih biss, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu17(h), 337C (1) (a), (b) (c) u (f) fejn dawn jigu assorbiti kollha f'reat wiehed, u l-Artikolu 337F (1) tal-Kapitolu 9 u wara li rat li l-prosekuzzjoni irtirat it-tieni (2) akkuza u li t-tielet (3) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) u li r-raba' (4) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza qeghda ssib lill-akkuzat Victor Muscat hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kunidizzjoni li ma jikkommettix reat iehor tmintax-il (18) xahar mil-lum.

Inoltre l-Qorti tirrakkomanda illi wara li semghet il-partijiet a rigward il-motivazzjonijiet ta' dan ir-reat, illi l-imputat ma jigix effettwat minn opportunitajiet ta' xoghol minhabba din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------